**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Shaun Barbara, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 56092M**

*Kumpilazzjoni Nru. 471/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaun Barbara** u ċioè talli:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`-

1. Fix-xhur qabel it-23 ta' Mejju, 2017, f'diversi hinijiet u zminijiet mill-fond numru 83 Flat 1 fit-Triq tal-Borg Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' deheb , flus u Bank of Valletta Cashklink u/jew oggetti ohra ghad detriment ta' Emanuel Bonnici minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq hu aggravat bil-mezz u valur li ma jaqbizx €2329.37;
2. Fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex

ibieghom jew imexxihom liema oggetti misruqa kienu gejjin minn serq bil-mezz u valur li ma' jceddix €2329.37, ghad-detriment ta' Emanuel Bonnici minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

3. Talli bejn il-11 ta' April, 2017, u is-27 ta' April, 2017, f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra il-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh ta' madwar €4610 ghad-detriment ta' Emanuel Bonnici minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

4. Talli fl-istess cirkustanzi ghamel qligh iehor b'qerq cioe' il-qliegh ta' madwar €4610 ghad-detriment ta' Emanuel Bonnici minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

5. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2018, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni, filwaqt li r-raba imputazzjoni inghatat bhala alternattiv ghat-tielet imputazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fatt li l-imputat qed jigi xprunat iwettaq reati biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga, tal-fedina penali xejn felici tieghu, tal-konkluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milhuqa mill-ufficjal tal-probation u tac-cirkostanzi l-ohra kollha. Aktar milli tigi imposta piena karcerarja l-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinghata opportunita` li bl-ghajnuna jeghleb il-vizzju tieghu, u ghalhekk, tqis li b'supervizzjoni stretta kif ukoll b' ordni ta' trattament li jindirizza l-problemi tieghu, l-imputat ghadu bic-cans li jiddritta l-moghdijiet tieghu w jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263, 264, 267, 278(3), 279(a), 280(2), 289, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal tlett (3) snin millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jikkumpensa lil Emanuel Bonnici, il-parti leza, is-somma ta' €4,610 fi zmien tlett snin millum.

Tali ordni għall-ħlas tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu, f'dan il-kaz Emanuel Bonnici.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-

direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta’ supervizjoni, jew jekk jikser l-ordni ta’ trattament fuqu imposti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**